MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 274/2014

**AB**

***vs***

**Avukat Dr Cedric Mifsud u il-PL Luliana Buhagiar b'digriet tas-16 ta' Settembru 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi hija kienet izzewget lil CD imwieled il-Libya, fis-27 ta' Frar tas-sena 2000, fil-Knisja ta' Santu Kristu, Ghaxaq, certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok BH1;
2. Illi r-ragel kien abbandunaha hafna snin ilu meta harab mill-pajjiz u ma regghax gie lura u hi tikkonferma li dan sar iktar mit-terminu ta' erba snin li tirrikjedi il-ligi ghall-hall taz-zwieg;
3. Illi miz-zwieg taghhom kienu twieldu zewgt itfal, Safa u Marwa Hassen;
4. Illi hija tixtieq tipprocedi ghal divorzju;
5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;
6. Illi hi mhux qed tinsisti ghall-manteniment ghaliha jew ghat-tfal u m'hemm xejn fil-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet x'jigi diviz bejniethom;
7. Illi hija giet awtorizzata mill-Qorti sabiex tipprocedi bit-talba odjerna ghall-hall taz-zwieg, kopja tad-Digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok BH2;
8. Illi r-rikorrenti ssostni ghalhekk bir-rispett kollu li z-zwieg taghha ghandu jigi ddikjarat mahlul u dan ai termini tal-artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet fid-dawl tal-fatti fuq esposti li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn AB u CD datat 27 ta' Frar 2000 mahlul;
2. Tordna li l-hall ta' dan iz-zwieg jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Ligi;
3. Tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti hija xolta u tterminata;
4. Tiddikjara li l-kura u kustodja tat-tfal hi fdata f'idejha;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Settembru, 2014;

Rat illi l-kuraturi deputati debitament notifikati ma ipprezentawx risposta u ma dehrux ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba’ snin ma jghixu flimkien bhala mizzewgin;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Gunju 2014 li permezz tieghu awtorizzat lir-rikorrenti tipprocedi bil-kawza peress illi l-medjazzjoni ma setghetx issir peress illi l-intimat hu assenti u ir-rikorrenti ma tafx fejn jinsab;

Rat illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.  Il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm xejn fil-komunjoni tal-akkwisti u allura ma hemm xejn x’jigi diviz bejn il-partijiet

u ghaldaqstant il-Qorti tilqa ukoll it-tielet talba tar-rikorrenti, tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti hija xolta u titterminaha.  Il-Qorti qeghda tilqa’ ir-raba talba u tiddikjara illi l-kura u l-kustodja tal-ulied hija fdata f’idejn ir-rikorrenti u dana peress illi irrizulta illi l-intimat abbandunahom;

## **< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------